# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2737

**Kaz Nru. 3640 /HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Baldacchino Neville Paul (ID 0636160 M)**

**vs**

**Munchies Yue Bristro Ltd (C - 70082)**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Baldacchino Neville Paul li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fil-11 ta' April, 2018. Matul is-simgh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Etienne A. Calleja u ghas-socjeta ntimata dehru s-sur Ian Micallef u s-sur Conrad Vella li kienu assistiti mill-Avv. Josette Sultana u mill-Avv. Lara Mizzi.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat bhala supervisor fil-25 ta' Awissu, 2014. Huwa jghid ukoll, li matul il-perjodu ta' l-impieg tieghu dejjem ta' l-massimu tieghu u hadem bl'akbar professjonalita u matul dan il-perjodu kien hemm okkazjoni wahda biss li naqas u li dan l-incident gie retifikat immedjatament minnhu stess permezz li ghamel tajjeb u hallas l-ispejjez li kien hemm.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li l-impjeg tieghu kien gie mitmum hesrem fit-8 ta' Marzu, 2018 fejn kien gie nfurmat mill-General Manager Conrad Vella sabiex ma jersaqx lejn il-lant tax-xoghol aktar. Hu gie ukoll moghti struzzjonijiet sabiex jizvojta il-locker tieghu, jirritorna c-cwievet u ma jkellimx aktar lill-impjegati.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li r-ragunijiet li l-General Manager kien tah kienu kollha purament skuzi u allegazzjonijiet u qlajjet inveritjeri. Ghaldaqstant huwa jghid, li kien gie mkecci mix-xoghol ingustament. Huwa jghid ukoll, li kien ilu jissoponi li kien se jigi mkecci mix-xoghol u dan peress li kienu ilhom jinhmew qlajjet fuq il-kondotta tieghu u dan kien qed isir mill-istess General Manger li kien qieghed ilesti l-qafas biex jitterminah mill-impjieg.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li l-akbar nuqqas li jista jaghmel min ihaddem huwa li jittraddixxi l-fiducja tal-impjegat tieghu u dan specjalment meta dak l-impjegat ikun qdieh bl'akbar sens ta' dedikazzjoni u lejalta. Huwa jkompli jghid, li dan l-att sar meta Conrad Vella ta' lir-rikorrent ittra pregudizjevoli immenss u ried lir-rikorrent li jiffirma bil-fors meta palezement din l-ittra tmur kontra l-intressi fundamentali tieghu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li matul l-impieg tieghu mas-socjeta kellu dhul ta' €17,400 fis-sena kif jidher mid-dokumenti li gew ipprezentati ma din l-istqarrija tal-kaz.**

**Huwa jghid ukoll, li ma kull min hadem dejjem qeghda d-doveri tieghu bl'akbar skruplu u bhala xhieda ghal dan ipprezenta certifikat ta' meta kien impjegat mal-Corinthia Group of Companies.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li wara t-terminazzjoni ta' l-impieg huwa kiteb lis-socjeta ntimata sabiex tillikwida danni favur tieghu li kien sofra ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u ghal dan huwa rcieva twegiba minghand is-socjeta fejn allegat li kien ir-rikorrent li abbanduna l-impieg tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li wasal qrib li jirtira bl'eta u ghaldaqstant kien se jsiba difficcli li jsib impieg iehor u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali ghandu jiehu nkonsiderazzjoni dan l-aspett meta jigi biex jillikwida kumpens favur tieghu.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li qed jitlob lill dan it-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret bi ksur tal-ligi u jinghata kumpens xieraq.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li kien hemm diversi lmenti dwar l-attegjament tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol u dan kien qed jikkawza tfixkil fit-tmexxija ta' l-istabiliment. Is-socjeta tghid ukoll, li dan l-attegjament negattiv kien kemm mal-klijenti kif ukoll mal-haddiema ta' l-istabiliment.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li tant ir-rikorrenti kien konxju dwar dawn l-ilmenti li qabad u ma rritornax aktar ghax-xoghol. Is-socjeta tghid ukoll, li jidher car li l-interess tar-rikorrenti ma kienx tal-kumpanija jew ta' l-istabiliment izda l-interess li kellu kien wiehed personali.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li kienet hallset lir-rikorrent dak kollu li kien dovut lilhu skond il-ligi. Is-socjeta tghid ukoll, li l-Ligi taghti definizzjoni ta' tkeccija ngusta hija wahda vaga u minghjar ma tnissel ezattamet x'ghandu jitqies bhala tkeccija ngusta u ghaldaqstant, x' inhi tkeccija ngusta tista tfisser hafna affarijiet fejn wiehed irid ihares lejn kull kaz fuq bazi ndividwali, li zgur ma jinkwadrawx f'dan il-kaz.**

**Is-socjeta tghalaq l-isqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li mxiet skond il-Ligi u m'hix obligata thallas ebda kumpens lir-rikorrent.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti beda l-impieg mas-socjeta ntimata fil-25 ta' Awissu, 2014. Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond il-formla tat-terminazzjoni ta' l-impieg ir-rikorrenti rrezenja mill-impieg fid-9 ta' Marzu, 2018.**

**Matul il-provi s-socjeta tghid, li kienet wissiet lir-rikorrenti fuq diversi nuqqasijiet li huwa kien ghamel. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti ma accetta l-ebda twissija li kien inghata ghax cahad li huwa kellu xi nuqqasijiet. Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn dawn it-twissijiet kien accetta wahda li kienet inghatat fil-25 ta' Marzu, 2016 meta s-socjeta tghat struzzjonijiet li kienet se tghati donazzjoni ta' 10% mid-dhul tal-bejgh lill Puttinu Cares Foundation u r-rikorrenti nterpreta dawn l-**

**istruzzjonijiet billi ta' discount fuq il-kont tal-klijenti ta' 10%. Mill-provi jirrizulta wkoll, li apparti r-rikorrenti ammetta li naqas huwa rrifonda lill kumpanija l-hlasijiet li kien naqqas fuq il-kontijiet tal-klijenti.**

**Matul il-provi s-socjeta pprezentat surveys li sar fost il-haddiema u tghid, li r-rizultati ta' dawn is-surveys kienu juru li r-relazzjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-haddiema ma kienux tajbin.**

**Matul il-provi jirrizulta, li l-ahhar kaz li r-rikorrent kien suggett ghal dixxiplina formali kien sehh fl'4 ta' Marzu, 2018. Ir-rapport kien jghid " On Sunday 4th March, 2018 during lunch time, we got a compliant from your section were a client was saying that we charged him for a bottle of wine and a bottle of water which he did'nt have, after checking of what happened these drinks were ordered from another table who left without paying or the drinks after you gave them their bill".**

**Mill-provi ta' istess dokument jirrizulta wkoll, li din it-twissija nghatat lir-rikorrent fl'4 ta' Marzu, 2018 u fl'istess dokument is-socjeta tghid lir-rikorrent "It must be made clear that this warning is considered as a final warning".**

**Matul il-provi jirrizulta wkoll mix-xhieda tas-sur Conrad Vella li kien jokkupa l-kariga ta' General Manager fejn jghid fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Ottubru, 2018 li fuq il-kazijiet ta' dixxiplina kien jismgha l-verzjoni tar-rikorrent li minn naha tieghu kien jinnega li kien hemm xi nuqqas u r-rikorrent jghidlu, li ahjar jghati n-notice u jieqaf. Ix-xhud jghid ukoll, li ma kienx jaccetta l-proposta tan-notice.**

**Is-sur Vella fl'istess xhieda tieghu jghid ukoll, li wara li kien sar survey fost il-haddiema huwa bghat ghar-rikorrent "Ghedtlu isma', dawn qed jghidu hekk, hekk u hekk. Cahad qalli "Dawn kollha giddiebin" Ghedtlu rigward dik it-telefonata ta' dik is-sinjura li cemplitlek. Qalli "Dik giddieba ukoll" Ghedtlu "Mela stenna" ghedtlu "Dik kont prezenti jien" ghedtlu "Ma tistax tghid li dik giddieba ukoll". Kif ghedtlu hekk, qalli "Mela jiena ahjar naghti n-notice". U din id-darba jiena lqajthielu n-notice, ghedtlu "Jien nahseb li hekk l-ahjar"**

**Fix-xhieda tieghu s-sur Vella jkompli jghid li r-rikorrent qallu "Nahseb tridha bil-miktub" u s-sur Vella jghid ukoll "Ahna bhala Kumpanija ghandna letter head taghna, ta' meta jsiru dawn l-affarijiet, ghedtlu, ipprintjatielu, ghedtlu kemm tiffirmalna din l-ittra. Qalli "Inti jimporta jekk nehodha mieghi naqaraha d-dar" Ghedtlu: "Mhux problema bil-qalb kollha" U tajnieh il-karta, talbtu c-cwievet ovvjament tal-hanut, ghax kellu c-cwievet ta' kullimkien"**

**Is-sur Vella jkompli jghid li c-cwievet "Tahomli dak il-hin. L-ghada ovvjament cempilnielu ha naraw x'sar minnha din l-ittra u qalli li mill-lum 'il hemm biex nitkellem mal-Avukat tieghu".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-ittra li ghamlet is-socjeta lir-rikorrent kienet tghid :-**

**" Letter of agreement between Mr. Neville Baldacchino and Munchies YUE Bistro Ltd.**

**This is to confirm that due to previous warning attached with this letter and after issuing a survey among the service staff which all the staff at Munchies YUE Bistro was aware of, including Mr. Neville Baldacchino, we have concluded that Mr Baldacchino's behaviour and attitude does not meet with our standard of operation. Therefore, both Mr. Baldacchino and the management have come to an agreement regarding his termination from Munchies YUE Bistro Ltd. with immediate effect as from___________ "**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li mix-xhieda ta' Claire Camilleri li kienet is-segretarja tas-socjeta, fix-xhieda taghha tas-seduta tat-18 ta' Gunju, 2019 tispjega, li peress kull darba li kienet tingibed l-attenzjoni tar-rikorrent kien jghid li se jghati n-notice, l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet giet ippreparata minn qabel.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn naha tar-rikorrent jghid li huwa dejjem hadem bl'akbar lejalta lejn is-socjeta u matul il-provi pprezenta diversi emails ta' klijenti li fahhruh u kienu sodisfatti bis-servizz li kien jigi moghti lillhom.**

**Huwa jghid ukoll, li mill-incident ta' Puttinu Care Foundation ir-relazzjoni mal-management tas-socjeta marret ghal hazin u minn dak inhar beda jhossu li kien qed jigi mwarrab mill-management.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrent irrefera wkoll ghal okkazjonijiet fejn membri tal-management kienu jsellmu lill impjegati l-ohra u lilhu jinjorawh kif ukoll, kien hemm okkazzjoni fejn meta l-haddiema kellhom meeting mal-management, wiehed mill-management qallhom li fosthom kien hemm tuffieha haziena u kienet cara li kien qed jirreferi ghalih.**

**Matul ix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li kien qed ihossu jigi mwarrab u din kienet ta' demotivazzjoni ghalih tant, li gieli stqarr li jekk l-affarijiet jibqaw hekk kien jahseb biex jghati n-notice pero ufficjalment huwa qatt ma ghamel dan.**

**Fix-xhieda tieghu r-rkorrenti cahad li fil-laqgha li kellu mas-sur Vella huwa r-rizenja mill-impieg u meta gie pprezentat bl'ittra tat-**

**terminazzjoni ta' l-impieg u gie mitlub biex jghati c-cwievet tal-hanut ma kellux triq ohra ghajr li jhalli l-post tax-xoghol u wara jiehu parir legali.**

**Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li meta mar biex jirritorna l-unformi ma thallix jidhol fl'istabilement u nizlet is-segretarja b'dokumenti tat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu. Huwa jghid wkoll, li tant is-sitwazzjoni kienet mghaggla li huwa ffirma d-dokument tal-Jobs plus pero ma rahx li r-raguni li kienet giet moghtija kienet dik li hu rrezenja mill-impieg.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghalkemm ma thallix jidhol aktar fl'istabiliment tas-socjeta l-management kien hallsu tan-notice period kollu. Huwa jghid ukoll, li ftit wara sab xoghol alternattiv.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li mill-provi jirrizulta li r-relazzjoni tax-xoghol bejn ir-rikorrent u l-management ma kienitx wahda felici.**

**Mill-provi li ezamina dan it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrent jallega li kien jigi njorat mill-management tal-kumpanija, fejn membri tal-management fil-waqt li jsellmu lill haddiema li jkunu fuq il-post tax-**

**xoghol, lilhu kienu jinjorawh qiesu ma kienx hemm. Ir-rikorrenti jallega wkoll, li waqt laqgha mal-haddiema membru tal-management irrefera ghalih li fost il-haddiema hemm tuffieha mhassra.**

**Fuq in-naha tal-management jallega fil-konfront tar-rikorrent, li l-attitudni tieghu kienet negattiva u meta kienet tingibidlu l-attenzjoni ghal xi nuqqasijiet huwa kien jirrejagixxi billi kien jiehu ghalih.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li minhu midhla tad-dinja tax-xoghol jifhem, li din m'hix xi sitwazzjoni li ma ssehx fejn hafna drabi din teskala minn xi incident zghir fejn wara li tinghad xi kelma zejda, jibda l-hars bl'ikrah u teskala b'tali mod li jinkisru r-relazzjoni tax-xoghol bejn il-haddiem u minn immexxi.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra din l-attmosfera ta' fuq il-post tax-xoghol jista jifhem, li kien f'dan l-ambjent u li meta fl'opinjoni tal-management ir-rikorrent kien jghamel xi nuqqas li l-istess rikorrent kien jesklama li bhala reazzjoni jghati n-notice. Probabilment din ir-reazzjoni minn naha tar-rikorrent tkun biex jevalwa jekk il-management ikunx qed japprezza l-valur tax-xoghol tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, ix-xhieda li ressaq il-management rigward mizuri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent. Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dawn il-provi jsib, li fil-kazijiet ta' dixxiplina li ressaq il-management, ir-rikorrent accetta kaz wiehed rigward il-kaz ta' Puttinu Care Foundation fejn ghal dan l-izball ir-rikorrent ammetta u kopra minn butu l-ispejjez li kien hemm.**

**Rigward il-kazijiet l-ohra ta' dixxiplina, meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi jsib, li l-process ta' dixxiplina li kien qed jaddotta l-management kien tali, li meta jinqala xi kaz il-management ikellem lir-rikorrent u jikkonferma l-passi dixxiplinarji bil-miktub.**

**Dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-process ta dixxiplina kif kien addottat mill-management kien process li ma kienx qed jghati l-opportunita lir-rikorrent ghal smigh xieraq. Dan it-Tribunal Industrijali f'diversi okkazzjonijiet ta' Decizjonijiet fejn tenna, li meta l-management ihoss li haddiem ikun naqas minn dmirijietu, il-management ghandu johrog l-allegazzjoni forma ta' charge, fejn jiddiskrivi lill haddiem l-incident li jkun involut fih u jinfurmah b'data u hin biex jinstema quddiem il-management. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata l-opportunita li jtella xhieda, kif ukoll li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li peress ir-rikorrent ma giex moghti smigh xieraq, il-kazijiet ta' dixxiplina li jirreferi ghalihom il-management huma nulli u bla effett.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-aspett li jirreferi ghalih il-management dwar surveys li kien ghamel fost il-haddiema u l-management jghid, li dawn is-surveys jirrizultawlu li kien hemm konflitt bejn ir-rikorrent u l-haddiema.**

**Dan it-Tribunal Industrijali fil-waqt li jirrikonoxxi l-importanza tas-surveys li jsiru pero huwa tal-fhema, li biex is-surveys ikunu kredibbli dawn ghandhom isiru minn Organizzazzjoni professjonali li tkun indipendenti mill-management.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll, li l-ghan tas-surveys u r-rizultati li johorgu minnhom fil-waqt li ghandu jservi biex tigi mtejjba s-sitwazzjoni pero m'ghandux iservi biex tigi mwettija t-triq ghal xi forma ta' passi dixxiplinarji.**

**Dan it-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fhema ghar-raguni, li jista jkun hemm min jinheba wara l-annonimita tas-surveys u jkollu ntenzjonijet ulterjuri u malizjuzi.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, il-laqgha li kien hemm bejn ir-rikorrent u Conrad Vella li waslet ghat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet ta' l-impieg.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina kif zvolgiet din il-laqgha jirrizultalu, li ghalkemm ir-rikorrent setgha esklama li jghati n-notice pero fir-rejalta huwa ma ffirmax id-dokument li gie pprezentat lilhu mill-management biex jirrezenja mill-impieg.**

**It-Tribunal Inudustrijali jirrizultalu wkoll mill-provi tas-segretarja tas-socjeta, li l-management minn qabel ma saret il-laqgha mar-rikorrent kien ipprepara dokument ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-provi ta' din il-laqgha jirrizultalu wkoll, li l-management kien diga deciz li jittermina l-impieg tar-rikorrent ghar-raguni, li meta r-rikorrent ma ffirmax id-dokument u qal lill-management biex jarah bil-kwiet id-dar, il-management ma hallix lir-**

**rikorrent li jkompli bix-xoghol tieghu kif ukoll talbu, biex jikkunsinna ic-cwievet tal-hanut. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li dan l-attegjament tal-management kien ifisser li kienet is-socjeta li tterminat l-impieg tar-rikorrent.**

**Invista ta dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li x-xhieda tar-rikorrent hija kredibbli fejn qal li meta ltaqgha mas-segretarja dik il-laqgha kienet wahda mghaggla fejn lanqas hallewh jidhol fl'istabiliment u meta ffirma fuq id-dokumentazzjoni tat-terminazzjoni ta' l'impieg ma kienx jaf li l-mangement kien nizzel li hu rrezenja. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li din ma kienitx rizenja mill-impieg imma kienet tkeccija mill-impieg.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebeti u pprezentati nkluz s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet jiddeciedi, li kien il-management li kecca lir-rikorrent mill-impieg u din it-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u bi ksur tal-Ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li r-rikorrenti ghandhu jithallas kumpens ta' €6,500 (sitt t'elef u hames mitt ewro) liema kumpens**

**ghandu jithallas minghand Munchies YUE Bistro Limited (C – 70082 ) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**Iffirmat : Is-sur Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum: 18 ta' Mejju, 2021**